# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum il-Ġimgħa 29 ta' Novembru, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 927/2023 MH**

**Numru: 4**

**HSBC Bank Malta p.l.c**

**Vs**

**Dr. Leontine Calleja u P.L. Veronica Rossignaud nominati b'digriet tat-22 ta' Settembru 2023 bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-werrieta mhux magħrufa tal-mejta Maria Assunta Carabott**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-bank HSBC Bank Malta p.l.c. fejn talab is-segwenti:

1. *"Illi r-rikorrenti għandu titlu eżekuttiv naxxenti minn sentenza tal-Qorti tas-26 ta' Marzu 2021 fil-konfront ta' Maria Assunta Carabott, (KI 051464M), permezz ta' liema hija ġiet ikkundannata tħallas l-ammonti hemm indikati (kopja tas-sentenza hawn anness u mmarkata Dok A);*

2. *Illi ma sarx appell minn dina s-sentenza (kopja taċ-ċertifikat relattiv hawn anness u mmarkata Dok B);*

3. *Illi din is-somma għadha dovuta lil bank rikorrenti;*

4. *Illi fil-frattemp, Carabott ġiet nieqsa fid-19 ta Novembru 2022, kif turi l-kopja taċ-ċertifikat hawn anness u mmarkata Dok C);*

5. *Illi l-Bank jixtieq jeżegwixxi t-titlu tiegħu fil-konfront ta' Carabott u għalhekk kellha ssir din il-proċedura ġaladarba l-liġi, senjatament l-artiklu 259 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet, trid illi wara l-mewt tad-debitur, ukoll jekk fiż-żmien li t-titlu eżekuttiv għadu eżegwibbli, l-Bank għandu l-ewwel jottjeni l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti sabiex jeżegwixxi l-istess;*

*Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-soċjeta' rikorrenti tgħaddi għall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi fil-konfront tal-kuraturi appuntati minnha skont il-Liġi biex jirrappreżentaw il-werrieta mhux magħrufa tal-mejta Carabott u dan ai termini tal-Artikolu 259 tal-kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*"

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr. Leontine Calleja u l-P.L. Veronica Rossignaud[1] fejn ġie eċċepiet illi:

"*1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti;*

*2. Illi hija s-soċjeta' attriċi li trid tipprova t-talba tagħha għas-sodisfazzjoni tal-Onorabbli Qorti.*"

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

[1] Folio 34

Tqies li t-talbiet tar-rikorrenti huma marbuta ma' dak stipulat maż-żewġ artikoli sussegwenti li jaqraw:

*"258.Wara -(a) l-għeluq ta' ħmistax-il sena minn dak in-nhar li fihskont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu(a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi udigrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit; jew(*

*b) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skontil-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ)u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta'ġie esegwit;*

*jew(ċ) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skontil-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e)tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*

*259.(1) Ir-rikors imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan hu dejjem meħtieġ, meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx għadda ż-żmien imsemmi fl-imsemmiartikolu.*

*(2) Meta l-werriet ma jkunx magħruf, jew ikun għad ma ddikjarax jekk hux bi ħsiebu jaċċetta l-wirt, jiġi maħtur kuratur biex jidher għal dan il-wirt, u l-esekuzzjoni titmexxa kontra dak il-kuratur.*

*(3) Iż-żmien li fih wieħed jista' jiddikjara jekk iridx jaċċetta l-wirt ma jissospendix l-esekuzzjoni.*

*(4) L-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kredituri jistgħu jagħmlu rikors li jiġi notifikat lid-debitur, lill-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tiegħu, fejn jitolbu lill-qorti sabiex jiġi esegwit kull titolu eżekuttiv f'isem il-kreditur ukoll jekk ma jkunx skada ż-żmien imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan. Dan ir-rikors għandu jintlaqa' mill-qorti jekk din tkun sodisfatta illi:*

*(a) ir-rikorrenti huma l-uniċi eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kreditur;*

*(b) it-titolu eżekuttiv għadu jiswa dwar dak li jkun qedjintalab; u*

*(ċ) il-persuni li tkun qed tintalab l-eżekuzzjoni kontrihom ikunu d-debitur, jew l-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tiegħu"*

Mil-lat ġurisprudenzjali jingħad dan dwar it-talba li avvanza l-bank rikorrenti fil-każ **HSBC Bank Malta plc vs Simon Attard et deċiż fit-12 ta' Settembru 2018**[5]

-

*"Illi l-imsemmi artikolu 258 huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinat sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258;*

***Illi l-Qorti tirrileva illi l-indagini ta' din il-Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta huma limitati**[6].*

*Kif ingħad fil-kawza* ***HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et deċiza fit1 ta' April, 2002*** *(Onor. Imħallef Raymond C. Pace):*

*"lllI minn dan jidher **li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-esistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti**[7]. Fil-fatt xejn iżjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smiegħ.*

*"Illi fil-fatt tant huwa minnu dan li huwa biss ai termini tal-Artikolu 259(4) f'każ ta' proċeduri da parte tal-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kredituri, li l-liġi teħtieg li l-istess rikors jiġi notifikat lid-debitur jew lill-eredi, ċessjonarji jew suċċessuri tiegħu, u dan allura jikkonferma it-teżi li f'dan il-kaz, li ma jaqax taħt l-Artikolu 259 (4) appena ċitat, l-unika eżami li trid tagħmel l-istess Qorti hija biss li tara l-eżistenza tal-istess*

> *titolu eżekuttiv, u li r-rikorrenti jikkonferma bil-ġurament li d-debitu jew parti minnu għadu dovut."*
>
> *Illi kif jgħallem l-għaref imħallef Philip Sciberras:*
>
> *"Illi* ***huwa evidenti illi f'kawża ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu izda biss awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi titolu eżekuttiv ġja kanonizzat bis-sentenza preċedenti***[8]*. F'dan is-sens hi d-deċizjoni fl-ismijiet* **John Portelli nomine -vs- Henry Azzopardi proprio et nomine**, *Appell, 29 ta' Mejju 1997."*

L-insenjament huwa għalhekk ċar kristall. L-uniku stħarriġ tal-Qorti jrid ikun sabiex–

(a) jiġi kkonfermat li t-titolu eżekuttiv li qed tintalab l-eżekuzzjoni tiegħu fil-fatt jeżisti; u

(b) ir-rikorrent jikkonferma bil-ġurament li l-ammont in kwistjoni għadu dovut. Dan għamlu ir-rappreżentant tal-bank rikorrenti Dr. Ralph Agius Ferrante fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti. [2]

Rat ukoll in-nota tal-kuraturi deputati[3] minn fejn jirriżulta li mir-riċerki li saru lill-Qorti Volontarja li ma ressaq ebda werriet jew suċċessur bħala eredi ta' Maria Assunta Carabott.

---

[2] Folio 47
[3] Folio 50

Konsegwentement wara li rat il-premess tilqa' t-talbiet kif premessi bl-ispejjeż għall-intimat.

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ**